



Brussell, 14 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10297/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0210(COD)

PECHE 290
CADREFIN 281
CODEC 1232

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (FEMS) - Approċċ Ġenerali Parzjali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-proposta ġiet ippreżentata lill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-18 ta' Ġunju 2018.
2. Il-proposta dwar il-FEMS trid titqies fil-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027 (QFP)¹ u tal-proposta tal-Kummissjoni li tistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi orizzontali²(RDK).

¹ Proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (COM(2018) 321 final); (COM(2018) 322 final); (COM(2018) 323 final); (COM(2018) 324 final).

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM/2018/375 final - 2018/0196 (COD).

3. Il-FEMS għandu fil-mira tiegħu l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni biex tiġi appoġġata l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-politika marittima integrata tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tal-UE fil-qasam tal-governanza tal-oċeani. Skont il-Komunikazzjoni dwar il-QFP, il-FEMS il-ġdid, bħal dak attwali, ser ikompli jikkostitwixxi strument importanti biex jappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS; b'mod partikolari, settur sostenibbli tas-sajd tal-UE u appoġġ għall-komunitajiet kostali li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd. Huwa ser ikompli wkoll ikun għodda utli fil-promozzjoni tal-ekonomija blu fis-sajd u l-akkwakultura u b'hekk jappoġġa t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li jħares l-ambjent tal-baħar.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni taw l-opinjoni tagħhom fit-12 ta' Diċembru 2018 u fis-16 ta' Mejju 2018 rispettivament.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019³.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu bejn is-27 ta' Ġunju 2018 u l-11 ta' April 2019. Fil-11 ta' April 2019, fuq talba tal-maġġoranza tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza ċċarat l-istruttura tal-Fond fit-test ta' kompromess, billi ssostitwiet ir-referenza għal "oqsma ta' appoġġ" b'"oġġettivi speċifiċi" b'rabta mal-kisba tal-oġġettivi tal-PKS.
7. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat kompromess⁴ lill-Grupp ta' Ħidma u dan ġie diskuss waqt il-laqgħa tas-6 ta' Mejju, l-10 ta' Mejju u s-16 ta' Mejju. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat kompromess⁵ rivedut fit-23 ta' Mejju. Il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet tal-kompromess rivedut kienu ġeneralment appoġġati mid-delegazzjonijiet, filwaqt li xi punti baqgħu pendenti.
8. Fid-29 ta' Mejju 2019, il-Presidenza rċeviet gwida mill-COREPER dwar il-kwistjonijiet ewlenin pendenti. Abbażi ta' din il-gwida, il-Presidenza ħejjiet it-test ta' kompromess li nġhata appoġġ wiesa' fil-Grupp ta' Ħidma fis-6 ta' Ġunju 2019⁶.

³ Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, PE 625.439v03-00, A8-0176/2019.

⁴ WK 5543/2019.

⁵ WK 6253/2019.

⁶ WK 6669/2019.

9. Fit-12 ta' Ġunju 2019, test ta' kompromess rivedut⁷, li jqis id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, ġie ppreżentat lill-COREPER u rċieva appoġġ minn għadd kbir ta' delegazzjonijiet.
10. DK daħħlet riżerva ta' skrutinju parlamentari.
11. UK nehiet r-riżerva ta' skrutinju tagħha.

II. IL-KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA GĦAL APPROĊĊ ĠENERALI PARZJALI

12. Il-kompromess tal-Presidenza iħalli barra l-aspetti kollha marbuta mal-QFP [dispożizzjonijiet bejn parentesi] u mar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (l-Artikoli 54, 55 u 56). Barra minn hekk, ser ikunu meħtieġa aktar aġġustamenti biex it-test dwar il-FEMS jiġi allinjat mar-Regolament dwar il-QFP u dak dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, ladarba dawn jiġi adottati. Ma saret ebda diskussjoni approfondita b'rabta mal-premessi, l-atti delegati (l-Artikolu 52) jew l-indikaturi tar-riżultati (l-Artikoli 37 u 48 u l-Anness I). Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu eżaminati fi stadju aktar tard.
13. Il-kompromess tal-Presidenza tfassal abbażi tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, il-gwida li waslet mill-COREPER fid-29 ta' Mejju 2019, kif ukoll bosta kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet.
14. Il-kompromess tal-Presidenza żamm l-oqsma ta' fokus ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni u bena fuqhom, b'mod partikolari l-appoġġ għall-flotot fuq skala żgħira, it-tiġdid ġenerazzjonali, u l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali. Fuq it-talba tal-Istati Membri, ġew inklużi aktar viżibilità u flessibilità għall-akkwakultura. Barra minn hekk, kif hemm fil-proposta tal-Kummissjoni, il-Presidenza għandha ukoll fokus fuq is-simplifikazzjoni u l-allinjament mas-CPR, sabiex toffri lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri flessibilità akbar fil-fażi ta' implimentazzjoni u l-possibilità li l-programm jiġi adattat għall-ispeċifitàjiet nazzjonali.

⁷ ST 9867/2019 ADD1.

15. Il-Presidenza tqis li l-kompromess li rċieva l-appoġġ tal-COREPER fit-12 ta' Ġunju 2019 jikkostitwixxi bilanċ tajjeb bejn il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet u bażi tajba għal diskussjonijiet futuri mal-Parlament Ewropew. Il-Presidenza ddedikat ħafna sforzi għat-test ta' kompromess u tqis li t-test ta' kompromess huwa bażi tajba ħafna biex il-Presidenza li jmiss tkun tista' tidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew.

16. Is-suġġetti ewlenin tal-kompromess tal-Presidenza jikkonċernaw il-punti li ġejjin:

a) Operazzjonijiet ineliġibbli (l-Artikolu 13(a), (b), (d) u (l), u l-Artikoli 16, 16 ġdid, 17 u 18):

i. *Operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità ta' bastiment tas-sajd jew il-kapaċità tiegħu li jsib il-ħut (l-Artikolu 13(a)):*

Bħal fil-proposta tal-Kummissjoni, il-kompromess jipprevedi li l-operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità ta' bastiment tas-sajd jew il-kapaċità tiegħu li jsib il-ħut mhumiex eliġibbli għal appoġġ mill-FEMS. Madankollu, fuq talba ta' diversi delegazzjonijiet u wara konferma mill-COREPER fid-29 ta' Mejju u fit-12 ta' Ġunju 2019, it-test ta' kompromess jinkludi deroga għal din id-dispożizzjoni. Din id-deroga hija limitata għal operazzjonijiet marbuta ma' investimenti fis-sigurtà abbord, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-effiċjenza enerġetika, u hija akkumpanjata minn kondizzjonijiet ferm restrittivi:

- is-segment tal-flotta korrispondenti jrid ikun ibbilanċjat;
- kwalunkwe żieda fil-kapaċità li tirriżulta minn dawn l-operazzjonijiet għandha tkun ikkumpensata minn irtirar preċedenti tal-kapaċità ta' mill-inqas l-istess ammont; kif ukoll
- il-limitu massimu nazzjonali għall-kapaċità tas-sajd assenjat lil kull Stat Membru jrid jiġi rrispettat.

Approċċ simili huwa adottat fil-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew.

Il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess jirrappreżenta bilanċ ġust bejn il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, filwaqt li jappoġġa l-oġġettivi ambjentali u soċjoekonomiċi tal-PAK u mingħajr ma jipperikola l-impenji tal-UE fil-fora internazzjonali.

- ii. *Il-bini u l-akkwist ta' bastimenti tas-sajd jew l-importazzjoni tagħhom (l-Artikoli 13(b) u 16) u dwar is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-magni (l-Artikoli 13(l) u 16 ġdid):*

Bħal fil-proposta tal-Kummissjoni, il-kompromess jipprevedi li l-bini u l-akkwist ta' bastimenti tas-sajd jew l-importazzjoni tagħhom, kif ukoll is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-magni mhumieq eliġibbli għall-appoġġ mill-FEMS (l-Artikolu 13(b) u (l)), b'xi derogi.

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni limitat id-derogi unikament għal bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira. Madankollu, waqt l-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet qieset li d-derogi għandhom ikunu estiżi lil hinn mill-flotot kostali fuq skala żgħira. Sabiex titqies din il-maġġoranza l-kbira, il-kompromess tal-Presidenza jestendi d-derogi għal bastimenti sa 24 metru. Fid-29 ta' Mejju 2019 u t-12 ta' Ġunju 2019, il-COREPER ikkonferma dan l-approċċ.

- L-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd

Id-deroga fl-Artikolu 16 ġdid għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd tipprevedi kondizzjonijiet ferm stretti, b'kont meħud tal-oġettiv sottostanti tal-proposta tal-Kummissjoni li tappoġġa t-tiġdid ġenerazzjonali. Il-Presidenza tqis li dan il-kompromess jirrappreżenta bilanċ ferm tajjeb bejn il-fehmiet tal-Istati Membri.

Fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'dak li jikkonċerna l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd, il-Parlament Ewropew ippreveda l-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-kreditu, l-assigurazzjoni u l-istrumenti finanzjarji lill-bastimenti kollha, indipendentement mit-tul tagħhom.

- Sostituzzjoni jew modernizzazzjoni tal-magni

Il-kompromess tal-Presidenza jżomm il-kondizzjoni prevista fil-proposta tal-Presidenza, jiġifieri l-magna ġdida/modernizzata m'għandhiex tkun aktar b'saħħitha f'kW, iżda jinkludi kondizzjoni addizzjonali għall-bastimenti bejn it-12 u l-24 metru: il-magna ġdida/modernizzata għandu jkollha mill-inqas 15 % inqas emissjonijiet ta' CO₂ mill-magna attwali. Fid-29 ta' Mejju 2019 u t-12 ta' Ġunju 2019, il-COREPER ikkonferma dan l-approċċ. Barra minn hekk, rigward il-metodu li għandu jintuża biex jitkejjel it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂, il-COREPER appoġġa t-triq 'il quddiem proposta mill-Presidenza, jiġifieri li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi dan il-metodu għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet ekwi fl-implimentazzjoni ta' tali kondizzjoni.

Il-kompromess tal-Presidenza jirrifletti x-xewqa ta' maġġoranza kbira ta' Stati Membri li l-appoġġ jiġi estiż lil hinn mill-flotot fuq skala żgħira, mingħajr tnaqqis obbligatorju tas-saħħa tal-magna f'kW, skont il-FEMS attwali.

iii. *Waqfien temporanju jew permanenti mill-attivitajiet tas-sajd (l-Artikoli 13(d), 17 u 18)*

Bħal fil-proposta tal-Kummissjoni, il-kompromess tal-Presidenza jipprevedi li l-waqfien temporanju jew permanenti mill-attivitajiet tas-sajd mhumiex operazzjonijiet eliġibbli għal appoġġ mill-FEMS, b'xi derogi.

Dawn id-derogi jirriflettu t-talba tal-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet li jinżamm l-istatus quo tar-Regolament attwali dwar il-FEMS rigward dan il-punt. Il-Parlament Ewropew adotta pożizzjoni simili dwar dan il-punt.

b) Ir-rata tal-intensità tal-għajnuna għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd (ir-ringiela 1 tal-Anness III)

Il-Kummissjoni pproponiet devjazzjoni mir-regola ġenerali ta' 50 % għar-rata ta' intensità massima tal-għajnuna u li tiġi stabbilita rata ta' intensità massima tal-għajnuna ta' 30 % għall-investimenti kemm għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd kif ukoll għas-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-magna.

Waq t l-eżami mill-Grupp ta' Ħidma, għadd sinifikanti ta' delegazzjonijiet talbu biex ir-rata ta' intensità massima tal-għajnuna tinżamm fil-livell ta' 50 %. Fid-29 ta' Mejju 2019, il-Presidenza rċeviet gwida mill-COREPER biex ir-rata ta' intensità massima tal-għajnuna għal dawn l-investimenti tinżamm fil-livell ta' 50 %. Madankollu, peress li wħud mid-delegazzjonijiet insistew li jkollhom rata aktar baxxa matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma tas-6 ta' Ġunju u fil-COREPER tat-12 ta' Ġunju 2019, il-Presidenza, fi spirtu ta' kompromess, tipproponi rata ta' intensità tal-għajnuna ta' 40 %

c) Delimitazzjoni għall-kontroll u l-ġbir tad-data (l-Artikolu 6(4))

Bħal fil-proposta tal-Kummissjoni, il-kompromess tal-Presidenza jipprevedi li mill-inqas 15 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat lil kull Stat Membru jingħata għall-finijiet ta' kontroll u ġbir ta' data. Dan jippermetti li jiżdied l-għadd ta' stokkijiet li għalihom hu disponibbli parir xjentifiku u jittejjeb l-għarfien xjentifiku dwar l-ambjent tal-baħar, skont l-oġġettivi tal-PKS. Xi delegazzjonijiet jixtiequ jidlimitaw proporzjon akbar, sa 25 %, filwaqt li delegazzjonijiet oħra talbu li l-ammont jitnaqqas għal 3 % jew saħansitra jitneħħa għal kollox.

Billi tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni rigward dan il-punt, il-Presidenza temmen li t-test jikkostitwixxi compromess ibbilanċjat bejn il-pożizzjonijiet differenti tad-delegazzjonijiet u jipprevedi l-flessibbiltà għar-rekwiżiti kollha espressi mid-delegazzjonijiet.

III. KONKLUŻJONIJIET

17. Il-Kunsill huwa mistieden jaqbel mal-Approċċ Ġenerali parzjali dwar il-FEMS, kif jinsab fid-dokument 10297/2019 PECHE 290 CADREFIN 281 CODEC 1232.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, [...] u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE)
Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

TITOLU I: QAFAS ĠENERALI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi [...] u s-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA). Huwa jstipula l-prijoritajiet tal-FEMSA, il-baġit għall-perijodu 2021 sal-2027, [...] u r-regoli speċifiċi għall-għotja ta' dan il-finanzjament [...] tal-Unjoni, li jikkomplementaw ir-regoli ġenerali li japplikaw għall-FEMSA skont ir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].

Artikolu 2

[...]

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, **fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm InvestEU]** u fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].
2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) [...]
 - (2) "**A**mbjent **K**omuni għall-**Q**sim tal-**I**nmazzjoni" (CISE) tfisser ambjent ta' sistemi żviluppati biex jappoġġaw l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet involuti fis-sorveljanza marittima, transsettorjali u transfruntiera, biex jitlejje l-għarfien tagħhom tal-attivitajiet li jkunu qed isiru fuq il-baħar;
 - (3) "gwardja tal-kosta" tfisser l-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-ħidmiet ta' gwardja kostali, li jinkludu s-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, id-dwana marittima, il-prevenzjoni u t-trażżin tat-traffikar u tal-kuntribandu, l-infurzar tal-liġi marittima konnessa ma' dawn, il-kontroll tal-fruntieri marittimi, is-sorveljanza marittima, il-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, it-tiftix u s-salvataġġ, ir-rispons għall-inċidenti u għad-diżastri, il-kontroll tas-sajd u attivitajiet oħrajn b'rabta ma' daww il-funzjonijiet;
 - (4) "Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima" (EMODnet) tfisser sħubija li toffri data tal-baħar ta' kwalità assicurata, interoperabbli u armonizzata, billi tgħaqqad flimkien id-data tal-baħar u l-metadata biex dawn ir-riżorsi frammentati jkunu aktar disponibbli għall-utenti pubbliċi u privati u jkunu jistgħu jintużaw aktar faċilment;
 - (5) "sajd esploratorju" tfisser **kwalunkwe operazzjoni tas-sajd [...] li titwettaq għal finijiet kummerċjali f'żona partikolari bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-profittabbiltà u s-sostenibbiltà bijoloġika tal-isfruttament regolari u fuq terminu twil tar-riżorsi tas-sajd f'dik iż-żona għal stokkijiet** li ma kinux soġġetti għal [...] **sajd kummerċjali** [...]

- (6) "sajjed" tfisser kwalunkwe persuna [...] involuta f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru rilevanti;
- (7) "sajd fl-ilmijiet interni" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa għal skopijiet kummerċjali fl-ilmijiet interni minn bastimenti jew 'mezzi oħra, inklużi dawk użati għas-sajd fis-silġ;
- (8) "il-governanza tal-oċeani" hija inizjattiva tal-Unjoni għat-titjib tal-istruttura ġenerali ta' proċessi, ftehimiet, arranġamenti, regoli u istituzzjonijiet internazzjonali u reġjonali permezz ta' metodu koerenti transsettorjali u bbażat fuq ir-regoli, biex ikun żgurat li jkun hemm sikurezza u sigurtà fl-oċeani u li dawn ikunu f'saħħithom, nodfa, u ġestiti b'mod sostenibbli;
- (9) "il-politika marittima" tfisser il-politika tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet ikkoordinat u konsistenti sabiex jiġi massimizzat l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Istati Membri, u b'mod partikolari r-reġjuni tal-kosta, insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni, kif ukoll is-setturi marittimi, permezz ta' politiki konsistenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;
- (10) "is-sigurtà u s-sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet li jsiru biex l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha b'rabta mad-dominju marittimu li jistgħu jagħmlu impatt fl-oqsma tas-sikurezza u tas-sigurtà marittima, tal-infurzar tal-liġi, tad-difiża, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, tal-kontroll tas-sajd, tal-kummerċ u tal-interess ekonomiku tal-Unjoni jinftehm, jiġu pprevenuti fejn japplika, u jkunu ġestiti b'mod komprensiv;
- (11) "l-ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet tal-Istat Membru rilevanti janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet umani f'żoni tal-baħar sabiex jilhqqu l-għanijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(11 ġdid) "korp pubbliku" tfisser l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn awtorità waħda jew aktar bħal dawn jew korp wieħed jew aktar bħal dawn irregolati bil-liġi pubblika;

(12) [...]

- (13) "strateġija tal-baċiri tal-baħar" tfisser qafas integrat biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni marini u marittimi li jiffaċċaw l-Istati Membri, u fejn hu rilevanti, pajjiżi terzi, f'baċir tal-baħar jew f'baċir ta' taħt il-baħar wieħed jew aktar, u biex jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni sabiex tinkiseb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; tali strateġija tiġi żviluppata mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati, mar-reġjuni tagħhom u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn skont il-każ;

- (14) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser sajd imwettaq minn bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx tagħmir irmunkat tas-sajd kif elenkat fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006⁸;
- (15) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha madwar is-suq uniku kollu, li għandhom rabta mal-oċeani, mal-ibħra, mal-kosti u mal-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi interni tal-Unjoni, inkluż is-setturi li qegħdin jiżviluppaw u prodotti u servizzi mhux tas-suq u li huma konsistenti mal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Artikolu 4

Il-prijoritajiet

Il-FEMSA għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-PKS u tal-politika marittima. Huwa għandu jsegwi l-prijoritajiet li ġejjin:

- 1) It-trawwim tas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi [...] **akkwatiċi**;
- 2) **It-trawwim [...] ta' attivitajiet ta' akkwakultura sostenibbli u l-ipproċessar u l- [...]kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;**
- 3) L-abilitazzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim [...] **tal-iżvilupp ta' komunitajiet ta' sajd u ta' akkwakultura [...] f'żoni kostali u interni;**
- 4) It-tiżiħ tal-governanza tal-oċeani internazzjonali u l-promozzjoni ta' ibħra u oċeani sikuri, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli.

L-appoġġ fil-kuntest tal-FEMSA għandu jikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet ambjentali u dawk ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għaliha tal-Unjoni. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi rintraċċata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness IV.

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

KAPITOLU II

Qafas Finanzjarju

Artikolu 5

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FEMSAA għall-perijodu 2021-2027 għandu jkun ta' [EUR 6 140 000 000] fi [prezzijiet attwali].
2. Il-parti tal-pakkett finanzjarju allokata lill-FEMSAA fit-Titolu II għandha tiġi implimentata b'ġestjoni kondiviża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Unjoni].
3. Il-parti tal-pakkett finanzjarju allokata lill-FEMSAA fit-Titolu III għandha tiġi implimentata jew direttament mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Unjoni] jew fil-kuntest tal-ġestjoni indiretta f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 6

Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni kondiviża

1. Il-parti tal-pakkett finanzjarju taħt ġestjoni kondiviża kif speċifikat fit-Titolu II għandha tkun ta' [EUR 5 311 000 000] fi [prezzijiet attwali] skont it-tqassim annwali stabbilit fl-[Anness V].

2. Għall-operazzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi, kull Stat Membru kkonċernat, fl-appoġġ finanzjarju tiegħu mill-Unjoni stabbilit fl-Anness V, għandu jalloka mill-inqas:
- a) EUR [102 000 000] għall-Azores u l-Madeira;
 - b) EUR [82 000 000] għall-Gżejjer Kanarji;
 - c) EUR [131 000 000] għal Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion u Saint-Martin.
3. Il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 21 [...] **jista'** jaqbeż il-[50%] ta' kull waħda mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 **f'ċirkostanzi ġustifikati f'kull pjan ta' azzjoni għar-reġjuni l-aktar imbiegħda.**
4. Mill-inqas 15% tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokati lil kull Stat Membru għandu jkun allokati **fil-programm imħejji u ppreżentat skont l-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]** għall-[...] **objettivi speċifiċi** msemmija fl-Artikoli 19 u 20. L-Istati Membri li ma għandhomx aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni jistgħu japplikaw perċentwal iżjed baxx fir-rigward tal-firxa tal-kompiti tagħhom ta' kontroll u ġbir ta' data.
5. L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni mill-FEMSA allokati għal kull Stat Membru għall-**objettivi [...] speċifiċi** msemmija fl-Artikoli **16 il-ġdid**, 17[...] u 18 ma għandux ikun aktar mill-iktar wieħed għoli bejn dawn iż-żewġ limiti:
- a) EUR 6 000 000; jew
 - b) 1[...] **5** % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokati għal kull Stat Membru.
6. F'konformità mal-Artikoli 30 sa 32 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], il-FEMSA jista' jappoġġa l-assistenza teknika għall-amministrazzjoni u l-użu effettivi ta' dan il-Fond fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru.

Artikolu 7

Distribuzzjoni finanzjarja għall-ġestjoni kondiviża

Ir-riżorsi li huma disponibbli għall-impenji tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 6(1) għall-perjodu mill-2021 sal-2027 huma stabbiliti fit-tabella fl-[Anness V].

Artikolu 8

Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni diretta

1. Il-parti tal-pakkett finanzjarju taħt ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta, kif speċifikat fit-Titolu III għandha tkun ta' EUR [829 000 000] fi [prezzijiet attwali].
2. {L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEMSAA, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni.

B'mod partikolari, fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, u soġġett għal-limitu massimu ta' 1.7 % tal-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 5(1), il-FEMSAA jista' jappoġġa:

(a) l-assistenza teknika għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni];

(b) it-tħejjija, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u s-sehem tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali;

(c) l-istabbiliment ta' netwerk Ewropew ta' gruppi ta' azzjoni lokali.
3. Il-FEMSAA għandu jappoġġa l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni li huma marbutin mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

Programmar

Artikolu 9

Programmar għal miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża

1. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], kull Stat Membru għandu jħejji programm wiehed⁹ biex jimplimenta l-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4.
2. L-appoġġ taħt it-Titolu II **biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]** għandu jkun organizzat fuq [...] **il-prijoritajiet u l-oġettivi speċifiċi kif** stabbiliti fl-Anness II.
3. Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], il-programm għandu jinkludi:
 - a) analiżi tas-sitwazzjoni f'termini tal-elementi tajbin, id-dgħufijiet, l-oportunitajiet u t-theddid u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati fiż-żona ġeografika rilevanti, inkluż fejn xieraq, il-baċiri tal-baħar [...] **li huma rilevanti għall**-programm;

[...];

[...] **(b)** fejn japplika, il-pjanijiet ta' azzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmijin fil-paragrafu 4.

⁹ Fil-Programm Operattiv tagħha, il-Ġermanja għandha tispjega kif il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni huma ssodisfati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni biex tikkonferma din il-fehma.

4. Filwaqt li jwettqu analiżi tal-elementi tajbin, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet, it-theddid u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sajd kostali fuq skala żgħira, kif stabbilit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].

Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], l-Istati Membri jistgħu jqisu għal sajd kostali fuq skala żgħira:

- a) l-aġġustament u l-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd;
- b) il-promozzjoni ta' prattiki tas-sajd b'impatt żgħir, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara għall-ambjent tal-baħar;
- c) it-tisħiħ tal-katina tal-valur tas-settur u l-promozzjoni ta' strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni;
- d) il-promozzjoni tal-ħiliet, tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tal-bini ta' kapaċità;
- e) it-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd;
- f) aktar konformità mar-rekwiżiti tal-ġbir ta' data, tat-traċċabbiltà; tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza;
- g) l-involviment fil-ġestjoni parteċipattiva tal-ispazju marittimu, anki ta' żoni tal-baħar protetti u żoni tan-Natura 2000;
- h) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet fl-ekonomija blu sostenibbli;
- i) l-organizzazzjoni u l-parteeipazzjoni kollettiva fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' konsulenza;
- j) il-linji gwida volontarji tal-FAO għall-kisba ta' sajd sostenibbli fuq skala żgħira;
- k) il-pjan ta' azzjoni reġjonali għas-sajd fuq skala żgħira mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran.

- 5. [...]** Bħala parti mill-programm tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju pjan ta' azzjoni għal kull wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 6(2), li għandu jistabbilixxi:
- a) strateġija għall-isfruttament sostenibbli tas-sajd u għall-iżvilupp ta' setturi sostenibbli tal-ekonomija blu;
 - b) deskrizzjoni tal-azzjonijiet ewlenin previsti u l-mezzi finanzjarji li jikkorrispondu għalihom, fosthom:
 - i l-appoġġ strutturali għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura skont it-Titolu II;
 - ii il-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali msemmija fl-Artikolu 21;
 - iii kull investiment ieħor fl-ekonomija blu sostenibbli meħtieġ biex jinkiseb żvilupp kostali sostenibbli.
- 6. [...]** Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa analiżi ta' kull baċir tal-baħar li tindika l-elementi tajbin u d-dgħufijiet komuni tal-baċir tal-baħar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kisba tal-għanijiet tal-PKS, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Fejn applikabbli, din l-analiżi għandha tqis l-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar eżistenti.
- 7. [...]** Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programm skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Fil-valutazzjoni tagħha għandha tqis, b'mod partikolari:
- a) it-tkabbir kemm jista' jkun tal-kontribut tal-programm għall-prijoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 4;
 - b) il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli, kif ikunu ġew irrappurtati kull sena mill-Istati Membri bi qbil mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013;

- c) fejn japplika, il-pjanijiet pluriennali ta' ġestjoni adottati skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet ta' ġestjoni adottati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, u r-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, fejn japplika għall-Unjoni;
- d) l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- e) l-evidenza l-aktar reċenti dwar il-prestazzjoni soċjoekonomika tal-ekonomija blu sostenibbli, u b'mod partikolari tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura;
- f) fejn japplika, l-analiżi msemmija fil-paragrafu[...] **6**;
- g) il-kontribut tal-programm għall-konservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar, filwaqt li l-appoġġ b'rabta maż-żoni tan-Natura 2000 għandu jkun skont l-oqfsa ta' azzjoni prijoritizzati stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/43/KEE;
- h) il-kontribut tal-programm għat-tnaqqis tal-iskart fil-baħar, f'konformità mad-Direttiva xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent];
- i) il-kontribut tal-programm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

7. [...]

8. [...]

Artikolu 10

Il-programmar għall-appoġġ taħt ġestjoni diretta u indiretta

Sabiex timplimenta t-Titolu[...] III, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw [...] programmi ta' ħidma[...]. Fejn japplika, il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-ammont totali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit imsemmija fl-Artikolu 47. Ħlief fir-rigward tal-assistenza teknika, dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53 (2).

TITOLU II: APPOĠĠ B'ĠESTJONI KONDIVIŻA

KAPITOLU I

Prinċipji ġenerali tal-appoġġ

Artikolu 11

L-ġhajjnuna mill-Istat

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-ġhajjnuna mogħtija mill-Istati Membri lill-impreżi fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura.
2. Madankollu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti li jagħmlu l-Istati Membri skont dan ir-Regolament, u li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.
3. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-finanzjament pubbliku li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jiġu ttrattati b'mod ġenerali abbażi tal-paragrafu 1.

Artikolu 12

L-Ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet

1. Applikazzjoni li titressaq minn **operatur** [...] għandha tkun inammissibbli għal perijodu ta' żmien identifikat stipulat skont il-paragrafu 4, jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-[...] **operatur** ikkonċernat:
 - a) ikun għamel ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġislazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill **fil-qafas tal-PKS**;
 - b) kien involut fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment bil-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stabbilit fl-Artikolu 33 ta' dak Regolament; jew
 - c) wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fejn l-applikazzjoni issir għal appoġġ skont l-Artikolu 23.

2. **Jekk[...] isseħħ kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet [...] imsemmija fil-paragrafu 1 matul il-perijodu bejn il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni [...] u [...] ħames snin wara l-pagament finali, [...] l-appoġġ imħallas mill-FEMSA relatat ma' dik l-applikazzjoni għandu jinkiseb lura mill- operatur, f'konformità mal-Artikolu 97 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].**
3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li għandhom kamp ta' applikazzjoni aktar wiesa' li jkun hemm qbil dwarhom fil-Ftehim ta' Sħubija mal-Istat Membru kkonċernat, applikazzjoni li titressaq minn **operatur** [...]għandha tkun inammissibbli għal perijodu ta' żmien identifikat stipulat skont il-paragrafu 4, jekk ikun ġie ddeterminat **permezz ta' deċiżjoni finali** mill-awtorità kompetenti li l-**operatur** [...] ikun ikkommetta frodi, kif iddefinit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, **fil-kuntest tal-FEMS jew tal-FEMSA**.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 52 fir-rigward ta':
- a) l-identifikazzjoni tal-iskattar tal-limitu u t-tul ta' żmien tal-inammissibbiltà msemija fil-paragrafi 1 u 3, li għandhom ikunu proporzjonati man-natura, mal-gravità, mat-tul ta' żmien u mar-ripetizzjoni tal-ksur serju, tar-reati jew tal-frodi, u għandhom ikunu ta' mill-inqas sena;
 - b) id-dati rilevanti tal-bidu jew tat-tmiem tal-perjodu taż-żmien imsemmi fil-paragrafi 1 u 3.

4ġdid L-Istati Membri jistgħu japplikaw, f'konformità mar-regoli nazzjonali, perijodu itwal ta' inammissibbiltà minn dak stipulat skont il-paragrafu 4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw perijodu ta' inammissibbiltà wkoll għal applikazzjonijiet imressqa mis-sajjieda f'ilmijiet interni, li jkunu wettqu ksur serju kif definit mir-regoli nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li [...] **l-operatur**ili jressqu applikazzjoni skont il-FEMSA jipprovdu lill-awtorità ta' ġestjoni dikjarazzjoni ffirmata li tikkonferma li huma [...] **huma ma jaqgħu taħt l-ebda waħda mis-[...] sitwazzjonijiet** elenkati fil-paragrafi 1 u 3. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni qabel ma japprovaw l-operazzjoni, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fir-reġistri nazzjonali tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jew kwalunkwe data oħra disponibbli.

Għall-finijiet tal-verifika msemija fl-ewwel subparagrafu, Stat Membru għandu jipprovdi, fuq talba minn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li tkun tinsab fir-reġistru nazzjonali tiegħu ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-għieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.07.2017, p. 29).

Artikolu 12 ġdid

Eliġibbiltà għal appoġġ mill-FEMSA taħt ġestjoni kondiviża

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament u għall-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], l-operazzjonijiet taħt it-Titolu II għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għal appoġġ skont il-FEMSA, sakemm ikunu konformi mad-dritt tal-UE applikabbli u ma jkunux esklużi skont l-Artikolu 13.

Artikolu 13

Operazzjonijiet jew infiq ineliġibbli

L-operazzjonijiet jew l-infiq li ġej ma għandux ikunu eliġibbli skont il-FEMSA:

- a) operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment jew li jsostnu l-akkwist ta' tagħmir li jżid il-kapaċità tal-bastiment biex isib il-ħut, ħlief meta l-operazzjonijiet jirrelataw ma' investimenti f'sikurezza abbord, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, u l-effiċjenza enerġetika, sakemm ikun f'bilanċ is-segment tal-flotta korrispondenti li miegħu huma relatati l-operazzjonijiet, kwalunkwe żieda fil-kapaċità li tirriżulta minn dawn l-operazzjonijiet hija kkompensata minn irtirar preċedenti tal-kapaċità ta' mill-inqas l-istess ammont u l-limitu nazzjonali tal-kapaċità tas-sajd assenjata lil kull Stat Membru jkun rispettat;
- b) il-bini u l-akkwist ta' bastimenti tas-sajd jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd jekk ma jkunx hemm previst mod ieħor f'dan ir-Regolament;
- c) it-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lil pajjiżi terzi, lanqas permezz tal-ħolqien ta' negozju bi sħab ma' persuni minn dawk il-pajjiżi;
- d) il-waqfien temporanju jew permanenti tal-attivitajiet tas-sajd, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament;
- e) sajd esploratorju, sakemm ma jsirx minn istituzzjonijiet xjentifiċi bil-ħsieb li jiġu investigati għażliet possibbli ta' ġestjoni għal stokkijiet tas-sajd sabiex jiġi żgurat sajd sostenibbli jew sajd esploratorju għal speċijiet invażivi kif inkluż fil-lista tal-UE msemmija fir-Regolament 1143/2014;
- f) it-trasferiment tas-sjieda ta' negozju;
- g) ripopolazzjoni diretta, dment li dan ma jkunx previst b'mod espliċitu bħala miżura ta' riintroduzzjoni jew miżura oħra ta' konservazzjoni minn att legali tal-Unjoni jew fil-każ ta' ripopolazzjoni sperimentali;
- h) il-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda, [...] jew ta' swali tal-irkant ġodda;

- i) mekkaniżmi ta' intervent fis-suq li l-għan tagħhom ikun li jirtiraw il-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura mis-suq b'mod temporanju jew permanenti biex tonqos il-provvista ħalli ma jinżilx il-prezz jew biex jogħla l-prezz; [...]
- j) investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti skont id-dritt tal-Unjoni [...] **fis-seħħ meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni**, inkluż ir-rekwiżiti skont l-obbligi tal-Unjoni fil-kuntest tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, **sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament**;
- k) investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu ilhom iwettqu attivitajiet **tas-sajd** fil-baħar għal inqas minn 60 jum [...] matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għal appoġġ[...];
- l) **sostituzzjoni jew immodernizzar ta' magna prinċipali jew anċillari fuq bastiment tas-sajd, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.**

KAPITOLU II

Prijorità 1: It-trawwim tas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni ta' [...] rizersi bijoloġiċi akkwatiċi

TAQSIMA 1

[...]

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-APPOĠĠ

Artikolu 14

[...]

Objettivi speċifiċi

1. L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkopri interventi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-PSK, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, permezz ta' wieħed jew aktar mill-[...] objettivi speċifiċi li ġejjin:

- (a) It-tisħiħ ta' attivitajiet tas-sajd li huma ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli;
- (b) Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 permezz ta' sostituzzjoni jew modernizzazzjoni tal-magni tal-bastimenti tas-sajd;
- (c) Il-promozzjoni tal-aġġustament tal-kapaċità tas-sajd għal opportunitajiet tas-sajd f'każijiet ta' waqfien permanenti u l-kontribut għal standard ta' għajxien ġust f'każijiet ta' waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd;
- (d) It-trawwim ta' kontroll u infurzar effiċjenti tas-sajd, kif ukoll data affidabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-għarfien;
- (e) Il-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ekwi għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi; kif ukoll
- (f) Il-kontribut għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi.

[

[...]

2. L-appoġġ **kif previst** taħt dan il-Kapitolu [...] jista' [...] japplika għas-sajd fl-ilmijiet interni, bl-eċċezzjoni ta' **d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu [...], 16 (2) a) u b), 16 ġdid (1) a), b) u (3), 17 u 18 (1) a), b), b a), c) u (3).**

TAQSIMA 2

Kondizzjonijiet speċifiċi

[...]

Artikolu 15

[...]

Trasferiment jew għoti ta' bandiera ġdida lil bastimenti tas-sajd

Meta jingħata l-appoġġ fir-rigward ta' bastiment skont dan il-Kapitolu, dak il-bastiment ma għandux jiġi ttrasferit jew jingħata bandiera ġdida barra l-Unjoni għal mill-inqas ħames snin wara l-aħħar pagament li jkun ingħata għall-operazzjoni appoġġata.

1. [...]

[...]

Artikolu 16

[...] L-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd[...]

1. [...] Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13 (b), biex jinkiseb l-oġġettiv speċifiku fl-Artikolu 14 (1) a),[...] l-appoġġ jista' jinkludi l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd, jew l-akkwist tas-sjieda parzjali tiegħu, minn persuna fiżika li:

(a) [...] , fil-mument li tippreżenta l-applikazzjoni, ma [...] ikollhiex aktar minn 40 sena; kif ukoll

(b) tkun ħadmet għal mill-inqas ħames snin bħala sajjied jew tkun kisbet kwalifika [...] adegwata;

[...]

- 1 għdid L-appoġġ skont dan l-Artikolu jista' jingħata wkoll lil persuni ġuridiċi li jkunu kompletament il-proprjetà ta' persuna fiżika waħda jew aktar li kull waħda jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu jista' jingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd:

- a) **li jappartjeni għal taqsima mill-flotta tas-sajd li fir-rigward tagħha l-aħħar rapport dwar il-kapaċità ta' sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013, ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dik it-taqsima;**
- b) **li huwa attrezzat għas-sajd fuq il-baħar;**
- c) **tkun ġiet irreġistrata fir-reġistru tal-flotta għal mill-inqas 3 snin kalendarji li jippreċedu s-sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ; kif ukoll**
- d) **li m'huwiex itwal minn 24 metru f'tul totali.**

[...]

3. L-ewwel akkwist kopert mill-paragrafu 1 u 1 ġdid ma għandux jittqies bħala trasferiment tas-sjieda ta' negozju skont l-Artikolu 13(f).

[...]

a) [...]

b) [...]

c) [...]

4. [...]

Artikolu 16 ġdid

Is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13 (l), biex jintlaħaq l-oġettiv speċifiku fl-Artikolu 14 (1) b), l-appoġġ għandu jingħata biss għal bastimenti sa 24 metru f'tul totali li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - a) il-bastiment jappartjeni għal taqsima mill-flotta li fir-rigward tagħha r-rapport l-aktar reċenti dwar il-kapaċità ta' sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013, ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dik it-taqsim;
 - b) għal bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira, il-magna l-ġdida jew modernizzata ma jkollhiex iktar saħħa f'kW mill-magna attwali; kif ukoll
 - c) għal bastimenti oħrajn b'tul totali ta' 24 metru, il-magna l-ġdida jew immodernizzata ma jkollhiex aktar saħħa f'kW mill-magna attwali u għandha tarmi mill-inqas 15 % inqas CO2 meta mqabbel mal-magna attwali.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-magni kollha sostitwiti jew immodernizzati ikunu soġġetti għal verifika tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1 (b) u (c).
3. Kull tnaqqis fil-kapaċità tas-sajd f'kW minħabba s-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari għandu jitħassar b'mod permanenti mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw metodu għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-emissjonijiet CO2 imsemmi fil-paragrafu 1 (c). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).

[...]

[...]

Artikolu 17

[...] Waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd

[...]

[...] **Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13(d), iista' jingħata appoġġ għal waqfien permanenti sabiex il-kapaċità tas-sajd tiġi aġġustata għall-opportunitajiet tas-sajd taħt l-oġettiv speċifiku [...] fl-Artikolu 14 (1) c). [...] [...] , [...] L-appoġġ għal waqfien permanenti għandu jikkonforma mal-** kondizzjonijiet li ġejjin [...]:

- a) il-waqfien huwa previst bħala għodda ta' pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- b) il-waqfien isir permezz tal-iskrappjar tal-bastiment tas-sajd jew billi jiġi dekommissjonat u mmodifikat għal attivitajiet differenti mis-sajd kummerċjali, bi qbil mal-għanijiet tal-PKS u mal-pjanijiet pluriennali;
- c) il-bastiment tas-sajd ikun irreġistrat bħala attiv u jkun wettaq attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal mill-inqas [...] **90** jum kull sena matul l-aħħar [...] **sentejn** kalendarji ta' qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għal appoġġ;
- d) il-kapaċità tas-sajd ekwivalenti titħassar b'mod permanenti mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni, u jiġu rtirati b'mod permanenti l-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 22(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; kif ukoll
- e) il-benefiċjarju jiġi pprojbit milli jirreġistra bastiment tas-sajd ġdid fil-ħames snin ta' wara li jkun ħa l-appoġġ.

a) [...]

b) [...]

[...]

4. [...]

Artikolu 18

[...] Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd

1. **[...] Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13 (d), iista' jingħata appoġġ għal waqfien temporanju biex jinkiseb l-oġettiv speċifiku [...] fl-Artikolu 14 (1) c). L-appoġġ għall-[...] waqfien temporanju [...] mill-attivitajiet tas-sajd għandu jingħata [...] fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:**

a) miżura ta' konservazzjoni, kif imsemmi fil-punti (a), (b), (c) u (j) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew miżuri ta' konservazzjoni ekwivalenti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, fejn japplika għall-Unjoni;

b) Miżuri tal-Kummissjoni f'każ ta' theddida serja għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b a) Miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 1380/2013;

c) l-interruzzjoni tal-applikazzjoni ta' ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jew ta' protokoll tiegħu minħabba forza maġġuri; jew

d) diżastri naturali jew inċidenti ambjentali kif rikonoxxuti formalment mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jingħata biss fejn [...] l-attivitajiet kummerċjali tal-bastiment ikkonċernat jitwaqqfu għal mill-inqas **ħamest ijiem konsekuttivi u [...] mill-inqas 30 [...] jum f'sena kalendarja partikolari. [...]** .

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata biss lil:

a) sidien **jew operaturi**¹¹ ta' bastimenti tas-sajd li jkunu rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal mill-inqas 120 jum matul[...] l-aħħar [...] **sentejn** kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għal appoġġ; [...]

b) sajjieda li jkunu ħadmu fuq il-baħar għal mill-inqas 120 jum [...] fl-aħħar [...] **sentejn** kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għal appoġġ abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni kkonċernat mill-waqfien[...]; **jew**

c) sajjieda li ma jużawx bastimenti.

Ir-referenza għall-għadd ta' jiem fuq il-baħar f'dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għas-sajd tas-sallura.

4. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jingħata għal perijodu ta' mhux iktar minn sitt xhur għal kull bastiment **jew għal kull sajjied li ma jużax bastimenti** matul il-perijodu mill-2021 sal-2027.

5. L-attivitajiet tas-sajd kollha li jwettqu l-bastiment tas-sajd [...] **jew** s-sajjieda kkonċernati għandhom ikunu sospiżi b'mod effettiv waqt il-perjodu kkonċernat tal-waqfien. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-bastiment **jew is-sajjied** ikkonċernat waqqaf kull attività tas-sajd tul il-perijodu kkonċernat mill-waqfien [...] **temporanju** u li jkun evitat kull kumpens żejjed li jirriżulta mill-użu tal-bastiment għal skopijiet oħrajn.

¹¹ Sidien tal-bastimenti

Artikolu 19

Il-kontroll u l-infurzar

1. [...] [...] **Sabiex jintlaħaq l-objettiv speċifiku fl-Artikolu 14 (1) d) permezz ta' kontroll u infurzar effiċjenti tas-sajd, għandu jingħata appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema tal-Unjoni għall-kontroll tas-sajd kif previst fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u kif speċifikat aktar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008.**
2. B'deroga mill-Artikolu 13(j), l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll:
 - a) ix-xiri u l-installazzjoni fuq il-bastimenti tal-komponenti meħtieġa għas-sistemi ta' trekkjar u ta' rapportar elettroniċi obligatorji li jintużaw għal skopijiet ta' kontroll [...];
 - b) ix-xiri u l-installazzjoni fuq il-bastimenti tal-komponenti meħtieġa għas-sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod obligatorji, li jintużaw għall-kontroll tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - c) ix-xiri u l-installazzjoni ta' apparati għall-kejl u r-reġistrazzjoni kontinwi tal-potenza propulsiva tal-magni fuq il-bastimenti.
3. [...] ¹²
4. [...]

¹² Premessa

Artikolu 20

*Il-ġbir u l-ipproċessar ta' data għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sajd **u tal-akkwakultura** u għal finijiet xjentifiċi*

[...] [...] **Sabiex jintlaħaq l-oġettiv speċifiku fl-Artikolu 14 (1) d) permezz ta' data affidabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-għarfien, għandu jingħata appoġġ għall-** ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data għall-ġestjoni tas-sajd **u tal-akkwakultura** u għal finijiet xjentifiċi, kif previst fl-Artikolu 25(1) u (2) u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u kif speċifikat aktar fir-Regolament (UE) Nru 2017/1004, abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 2017/1004.

[...]

[...]

[...]

Artikolu 21

Kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

1. [...] **Sabiex jintlaħaq l-oġettiv speċifiku fl-Artikolu 14 (1) e), għandu jingħata appoġġ għall-**kumpens ta' spejjeż addizzjonali mgħarrba mill-benefiċjarji fl-oqsma tas-sajd, tal-farming, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 6(2).
2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 7, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, il-lista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kwantità ta' daww il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.
3. Meta jistabbilixxu l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżguraw li l-kumpens ikun kompatibbli kompletament mar-regoli tal-PKS.

4. Il-kumpens ma għandux jingħata għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:
- a) li jinqabdu minn bastimenti ta' pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela u li joperaw fl-ibħra tal-Unjoni, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565¹³;
 - b) li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1;
 - c) li jiġu importati minn pajjiżi terzi.
5. Il-punt (b) tal-paragrafu 4 ma għandux japplika jekk il-kapaċità eżistenti tal-industrija tal-ipproċessar fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat taqbeż il-kwantità ta' materja prima fornita.
6. Biex ikun evitat kumpens żejjed, il-kumpens li jitħallas lill-benefiċjarji li jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 fir-reġjuni ultraperiferiċi jew li jkollhom il-propjetà ta' bastiment irreġistrat f'port ta' dawn ir-reġjuni, għandu jkollhom:
- a) għal kull prodott jew kategorija ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati; kif ukoll
 - b) kwalunkwe tip ieħor ta' intervent pubbliku li jaffettwa l-livell ta' spejjeż addizzjonali.
7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 52, li jistabbilixxu l-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati.

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża (ĠU L 244, 14.09.2015, p. 55).

Artikolu 22

*Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi[...] [...] **akkwatiċi***

1. [...] [...] **Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv speċifiku fl-Artikolu 14 (1) f), għandu jingħata appoġġ għall-azzjonijiet għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi [...] **akkwatiċi****, inkluż fl-ilmijiet interni.
2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri, **inter alia**:
 - a) il-kumpens lis-sajjieda għall-ġbir ta' rkaptu tas-sajd mitluf u għall-iskart li jinġabar mill-baħar;
 - b) l-investimenti fil-portijiet **jew f'infrastruttura oħra** biex dawn ikunu jipprovdu faċilitajiet adegwati ta' akkoljenza għall-irkaptu mitluf u għall-iskart li jinġabar mill-baħar;
 - c) l-azzjonijiet biex jinkiseb status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE;
 - d) l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni tal-ispazju stabbiliti skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE;
 - e) il-ġestjoni, ir-restawr, **is-sorveljanza** u l-monitoraġġ taż-żoni tan-Natura 2000, [...] **b'kont meħud ta'** l-oqfsa ta' azzjonijiet prijoritizzati stabbiliti skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/43/KEE;
 - f) il-protezzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE, [...] **b'kont meħud ta'** l-oqfsa ta' azzjonijiet prijoritizzati stabbiliti skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/43/KEE [...] ; [...] [...]
 - g) **ir-restawr tal-ilmijiet interni f'konformità mal-programm ta' miżuri stabbilit skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE.**

KAPITOLU III

Prijorità 2: It-trawwim [...] ta' attivitajiet ta' akkwakultura sostenibbli u l-ipproċessar u [...] l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

TAQSIMA 1

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-APPOĠĠ

Artikolu 22 ġdid

Objettivi speċifiċi

1. L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkopri interventi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-PSK, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380 2013, permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin:
 - (a) il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' akkwakultura sostenibbli.
 - (b) il-promozzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, tal-kwalità u tal-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar ta' dawn il-prodotti.
2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) jista' jkopri wkoll l-akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali kif ukoll is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali fl-akkwakultura f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (b) jista' jikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-objettivi tal-OKS kif previst fl-Artikolu 35 tar-Regolament 1380/2013, inkluż il-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 28 tar-Regolament 1379/2013.

TAQSIMA 2

KONDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu 23

Akkwakultura

1. [...] ¹⁴ [...] ¹⁵
2. [...] **Biex jinkiseb l-oġġettiv speċifiku fl-[...] Artikolu 22 paragrafu 1(a) ġdid permezz tal-promozzjoni ta' attivitajiet ta' akkwakultura, l-appoġġ** għandu jkun konsistenti mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali għall-iżvilupp tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
3. [...] .

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.03.2016, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċizzjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.06.2014, p. 1).

Artikolu 24

[...]

Artikolu 25

L-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

[...] . [...]

[...] . **Fir-rigward ta' impriżi minbarra SMEs, [...] biex jinkiseb l-oġġettiv speċifiku fl-[...]Artikolu 22 paragrafu 1(b) ġdid permezz tal-ipproċessar [...] għandu jingħata appoġġ** biss permezz tal-istrumenti finanzjarji previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u permezz ta' InvestEU, f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

KAPITOLU IV

Prijorità 3: L-abilitazzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim [...] tal-iżvilupp ta' komunitajiet ta' sajd u ta' akkwakultura [...] f'żoni kostali u interni

TAQSIMA 1

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-APPOĠĠ

Artikolu 25 ġdid

Objettiv speċifiku

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkopri l-interventi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' komunitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura f'żoni kostali u interni.

TAQSIMA 2

KONDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu 26

Żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità

1. **Biex jintlaħaq l-oġettiv speċifiku fl-Artikolu 25 ġdid, għandu jingħata appoġġ għal azzjonijiet implimentati permezz tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].**
2. Għall-fini tal-appoġġ mill-FEMS, l-istrategġija ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] għandhom jiżguraw li l-komunitajiet **tas-sajd jew tal-akkwakultura** lokali jisfruttaw aħjar u jibbenefikaw iżjed mill-opportunitajiet li toffri l-ekonomija blu sostenibbli billi jsaħħu r-riżorsi ambjentali, kulturali, soċjali u umani u jiksbu l-vantaġġi minnhom.

L-istrategġija jistgħu jvarjaw minn dawk li jiffokaw fuq is-sajd għal strategġija usa' diretti lejn id-diversifikazzjoni taż-żoni tas-sajd.

Artikolu 27

[...]

KAPITOLU V

**Prijorità 4: It-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-
abilitazzjoni ta' ibħra u oċeani siguri, mingħajr periklu, indaf u ġestiti
b'mod sostenibbli**

TAQSIMA 1

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-APPOĠĠ

Artikolu 26 ġdid

Objettiv speċifiku

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkopri interventi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u għall-ġestjoni sostenibbli tal-baħar u tal-oċeani permezz tal-promozzjoni tal-għarfien dwar il-baħar, is-sorveljanza marittima u/jew il-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta.

TAQSIMA 2

KONDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu 27

Għarfien dwar il-baħar

Biex jinkiseb l-oġettiv speċifiku fl-Artikolu 26 ġdid permezz tal-promozzjoni tal-għarfien dwar il-baħar, għandu jingħata appoġġ għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jiġbru, jimmaniġġjaw u jużaw data biex jitjieb l-għarfien dwar l-istat tal-ambjent tal-baħar, bil-ħsieb li:

- (a) jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE;
- (b) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u tal-għażla u l-ġestjoni tas-siti skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE;
- (c) jappoġġa l-ippjanar tal-ispazju marittimu kif imsemmi fid-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶; jew
- (d) tittejjeb il-kwalità tad-data u jżied it-tpartit tad-data permezz tan-netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet).

Artikolu 28

Is-sorveljanza marittima

[...] [...] Biex jinkiseb l-oġettiv speċifiku fl-Artikolu 26 ġdid permezz tal-promozzjoni tas-sorveljanza marittima, għandu jingħata appoġġ għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi tal-A[...] mbjent K[...] omuni għall-A[...] sim tal-I[...] nformazzjoni.

2. [...]]

¹⁶ Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu (ĠU L 257, 28.08.2014, p. 135).

Artikolu 29

Il-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta

1. **[...] Biex jinkiseb l-oġġettiv speċifiku fl-Artikolu 26 ġdid permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta, għandu jingħata appoġġ għal** azzjonijiet, li jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali, li jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, fl-Artikolu 2b tar-Regolament (UE) Nru 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ u fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 2016/1626 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹.
2. [...]
3. [...]

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.09.2016, p. 1.).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 251, 16.09.2016, p. 77).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/1626 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 251, 16.09.2016, p. 80).

KAPITOLU VI

Regoli għall-implimentazzjoni b'ġestjoni kondiviża

TAQSIMA 1

APPOĠĠ MILL-FEMSA

Artikolu 30

*[...] **Kumpens għal** spejjeż addizzjonali jew dħul mitluf*

[...] **Il-kumpens** [...] **għal** spejjeż addizzjonali jew dħul mitluf għandu jingħata fi kwalunkwe waħda mill-forom imsemmijin fil-punti [...] **(b)**, (c), **u** (d) [...] tal-Artikolu [...] **48 (1)** tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].

Artikolu 31

Determinazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament

Ir-rata massima ta' kofinanzjament mill-FEMSA għal kull [...] **objettiv speċifiku hija ta' 80% bl-eċċezzjoni tal-Art. 14 (1) (e) li hija ta' 100% [...]** .

Artikolu 32

Intensità tal-ghajjnuna pubblika

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw rata ta' intensità massima tal-ghajjnuna pubblika ta' 50 % tan-nefqa totali eliġibbli tal-operazzjoni.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-rati ta' intensità massima tal-ghajjnuna speċifiċi għal ċerti [...] **objettivi speċifiċi** u ċerti tipi ta' operazzjonijiet huma stabbiliti fl-Anness III.
3. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt diversi ringieli bejn ir-ringiela nru 2 u r-ringiela nru **22**[...] tal-Anness III, għandha tapplika l-ogħla rata ta' intensità massima tal-ghajjnuna.
4. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt ringiela waħda jew taħt diversi ringieli bejn it-2 u t-**22**[...] tal-Anness III, u fl-istess ħin taqa' taħt ir-ringiela 1 wkoll ta' dak l-Anness, għandha tapplika r-rata tal-intensità massima tal-ghajjnuna **msemmija** fir-ringiela 1.

TAQSIMA 2

IL-ĠESTJONI FINANZJARJA

Artikolu 33

L-interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-pagament

1. Bi qbil mal-Artikolu 90(4) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni tista' tinterrompi l-iskadenza ta' pagament għal applikazzjoni għal pagament sħiħ jew ta' parti minnu f'każ li Stat Membru ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu skont il-PKS, jekk in-nuqqas ta' konformità x'aktarx li jolqot l-infiq li jkun iddikjarat f'applikazzjoni li jkun qed jintalab il-pagament interim għalih.
2. Qabel ma ssir din l-interruzzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat li hemm evidenza ta' nuqqas ta' konformità u tagħtih żmien raġonevoli biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.
3. L-interruzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata man-natura, mas-serjetà, mat-tul ta' żmien u mar-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità.
4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta [...]atti [...] **ta' implimentazzjoni**, [...] **biex tiddefinixxi** [...]l-każijiet serji ta' nonkonformità msemmija fil-paragrafu 1. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).**

Artikolu 34

Sospensjoni tal-pagamenti

1. F'konformità mal-Artikolu 91(3) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissospendu l-pagamenti interim kollha fil-programm jew parti minnhom f'każ ta' nonkonformità serja ta' Stat Membru mar-regoli applikabbli skont il-PKS, jekk in-nonkonformità serja x'aktarx tolqot in-nefqa ddikjarata f'applikazzjoni għal pagament li għaliha jkun qed jintalab il-pagament interim.
2. Qabel ma ssir is-sospensjoni msemija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru li hija tal-fehma li jeżisti każ serju ta' nonkonformità mar-regoli applikabbli skont il-PKS u tagħtih żmien raġonevoli biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.
3. Is-sospensjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata man-natura, mas-serjetà, mad-durata u mar-ripetizzjoni tan-nonkonformità serja.
4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti [..] **ta' implimentazzjoni [...] biex tiddefinixxi [...] l-każijiet ta' nonkonformità serja msemija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 53(2).**

Artikolu 35

Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri

1. Skont l-Artikolu 97(4) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], l-Istati Membri għandhom japplikaw il-korrezzjonijiet finanzjarji f'każijiet ta' nonkonformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament.
2. F'każijiet tal-korrezzjonijiet finanzjarji msemija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-korrezzjoni li għandu jkun proporzjonat b'kont meħud tan-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tal-ksur jew ir-reat mill-benefiċjarju u l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMSA għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

Artikolu 36

Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Skont l-Artikolu 98(5) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħmlu korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-kanċellazzjoni totali jew parzjali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm jekk, wara li twettaq l-eżami meħtieġ, hija tikkonkludi li:
 - a) in-nefqa ddikjarata f'applikazzjoni għal pagament tkun affettwata minn każijiet fejn il-benefiċjarju ma jħarisx l-obbligi imsemmija fl-Artikolu 12(2) u ma jkunx ġie kkoreġut mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni skont dan il-paragrafu;
 - b) in-nefqa ddikjarata f'applikazzjoni għal pagament tkun affettwata minn każijiet ta' nonkonformità serja mar-regoli tal-PKS mill-Istat Membru li wasslu biex jiġi sospiż il-pagament skont l-Artikolu 34 u meta l-Istat Membru kkonċernat jibqa' ma jurix li ħa l-azzjoni meħtieġa ta' rimedju biex jiżgura l-konformità mar-regoli applikabbli u l-infurzar tagħhom fil-ġejjieni.
2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ammont tal-korrezzjoni billi tikkunsidra n-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tan-nonkonformità serja mill-Istat Membru jew mill-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS u l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMSA għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju kkonċernat.
3. Meta ma jkunx possibbli li jiġi kkwantifikat preċiżament l-ammont tan-nefqa marbut man-nonkonformità mar-regoli tal-PKS mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tapplika rata fissa jew korrezzjoni finanzjarja estrapolata skont il-paragrafu 4.
4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti [...] **ta' implimentazzjoni**, [...] **biex tiddetermina**[...] l-kriterji biex jiġi stabbilit il-livell tal-korrezzjoni finanzjarja li għandha tiġi applikata u l-kriterji għall-applikazzjoni ta' rati fissi jew korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).**

TAQSIMA 3

IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR

{Artikolu 37: "Qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni" - ser jiġi indirizzat fi stadju aktar tard}

Artikolu 38

[...]

TITOLU III: L-APPOĠĠ B'ĠESTJONI DIRETTA U INDIRETTA

Artikolu 39

Ambitu ġeografiku

[...] **L-appoġġ imsemmi f'dan it-Titolu jista' [...] japplika** wkoll għal operazzjonijiet **li jinsabu għalkollox jew parzjalment** [...] barra **mit-territorju ta' Stat Membru, inkluż barra** l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-assistenza teknika.

KAPITOLU I

Prijorità 1: Il-promozzjoni tas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi [...] akkwatiċi

Artikolu 40

L-Implimentazzjoni tal-PKS

Il-FEMSA A għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-PKS permezz:

- a) tal-ġhoti ta' pariri u għarfien xjentifiku biex jgħinu biex jittieħdu deċizzjonijiet tajbin u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd skont il-PKS, anke permezz tal-parteciġazzjoni ta' esperti f'korpi xjentifiċi;
- b) tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u kif speċifikat ukoll fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- c) tal-funzjonament ta' Kunsilli Konsultattivi stabbiliti skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li jkollhom għan li jagħmel parti mill-PKS u li jappoġġaha;
- d) ta' kontribuzzjonijiet volontarji għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fis-sajd, skont l-Artikolu 29 u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 41²⁰

Il-promozzjoni ta' ibhira nodfa u f'saħħithom

1. Il-FEMSA għandu jappoġġa l-promozzjoni ta' ibhira nodfa u f'saħħithom, anki permezz ta' azzjonijiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE u permezz ta' azzjonijiet li jiżguraw koerenza mal-ksib ta' status ambjentali tajjeb skont l-Artikolu 2(5)(j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-plastik f'ekonomija ċirkolari.
2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun koerenti mal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-oġettiv li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE.

KAPITOLU II

Prijorità 2: It-trawwim [...] ta' attivitajiet ta' akkwakultura sostenibbli u l-ipproċessar u [...] l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

Artikolu 42

Informazzjoni dwar is-suq

Il-FEMSA għandu jappoġġa l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar is-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.

²⁰ Dan l-Artikolu ser jitmexxa għall-Kapitolu IV "Prijorità 4: It-tiżhij tal-governanza tal-oċeani internazzjonali u l-promozzjoni ta' ibhira u oċeani sikuri, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli"

KAPITOLU III

Prijorità 3: L-abilitazzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim [...] tal-iżvilupp ta' komunitajiet ta' sajd u ta' akkwakultura [...] f'żoni kostali u interni

Artikolu 43

Il-politika marittima u l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli

Il-FEMSA għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika marittima permezz:

- a) tal-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima;
- b) tal-promozzjoni ta' governanza u ġestjoni integrati tal-politika marittima, anki permezz tal-ippjanar tal-ispazju marittimu, ta' strateġiji tal-baċiri tal-baħar u l-kooperazzjoni reġjonali marittima;
- c) tat-titjib tat-trasferiment u l-użu tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija fl-ekonomija blu sostenibbli, inkluż in-netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet);
- d) tat-titjib tal-ħiliet marittimi, tal-litteriżmu fil-qasam tal-oċeani u l-kondiviżjoni tad-data soċjoekonomika dwar l-ekonomija blu sostenibbli;
- e) tal-iżvilupp ta' riżervi ta' proġetti u ta' strumenti ta' finanzjament innovattivi.

KAPITOLU IV

Prijorità 4: It-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u l- abilitazzjoni ta' ibħra u oċeani siguri, mingħajr periklu, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli

Artikolu 44

Sigurtà u sorveljanza marittimi

Il-FEMSA għandu jappoġġa l-promozzjoni tas-sigurtà u s-sorveljanza marittima, anki permezz tal-kondiviżjoni tad-data, u l-kooperazzjoni bejn il-gwardji tal-kosta u l-aġenziji u l-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali u illegali fuq il-baħar.

Artikolu 45

Il-governanza internazzjonali tal-oċeani

Il-FEMSA għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika ta' governanza internazzjonali tal-oċeani permezz:

- a) ta' kontributi volontarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali li huma attivi fil-qasam tal-governanza tal-oċeani;
- b) tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni volontarji fost fora, organizzazzjonijiet, korpi u istituzzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u ftehimiet, arranġamenti u sħubiji internazzjonali rilevanti oħra;
- c) tal-implimentazzjoni ta' sħubiji tal-oċeani bejn l-Unjoni u l-atturi rilevanti fil-qasam tal-oċeani;
- d) tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet, arranġamenti u strumenti internazzjonali rilevanti li jimmiraw li jippromwovu governanza mtejbja tal-oċeani, kif ukoll l-iżvilupp ta' azzjonijiet, miżuri, għodod u għarfien li jippermettu li l-oċeani jkunu sikuri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli;
- e) tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet, miżuri u għodod internazzjonali rilevanti għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;
- f) tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u d-data dwar l-oċeani u l-iżvilupp tagħhom.

KAPITOLU V

Regoli għall-implimentazzjoni b'ġestjoni diretta u indiretta

Artikolu 46

Forom ta' finanzjament mill-Unjoni

1. Il-FEMSA jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stipulati fir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni], b'mod partikolari l-akkwist skont it-Titolu VII ta' dak ir-Regolament u għotjiet skont it-Titolu VIII ta' dak ir-Regolament. Jista' jipprovdi finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan operazzjonijiet ta' taħlit, kif imsemmi fl-Artikolu 47.
2. L-evalwazzjoni tal-proposti tal-għotjiet tista' ssir minn esperti indipendenti.

Artikolu 47

Operazzjonijiet ta' taħlit

L-operazzjonijiet ta' taħlit skont il-FEMSA għandhom ikunu implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar l-InvestEU] u t-Titolu X tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni].

{Artikolu 48: "Evalwazzjoni" - ser jiġi indirizzat fi stadju aktar tard}

Artikolu 49

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, inkluż oħrajn minbarra dawk b'mandat mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni].

Artikolu 50

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-media u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni b'rabta mal-FEMSA, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-FEMSA għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu marbutin mal-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 51

Entitajiet eliġibbli

1. Il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 3 għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni].
2. Huma eliġibbli l-entitajiet li ġejjin:

entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 3 u 4;

kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali.
3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz huma eċċezzjonalment eliġibbli biex jipparteċipaw fejn dan ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' azzjoni partikolari.
4. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhuwiex assoċjat mal-programm, bi prinċipju għandhom iġarrbu huma l-ispejjeż għall-parteeċipazzjoni tagħhom.

TITOLU IV: DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

{Artikolu 52: "Eżerċizzju tad-delega" - ser jiġi eżaminat aktar fi stadju aktar tard}

Artikolu 53

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, [...] is-Sajd **u l-Akkwakultura**. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [...] **5** tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

²¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13).

TITOLU V: DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 53a

Emendi għar-Regolament 2017/1004

L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1004 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1004 huma sostitwiti bit-test li ġej:

"1. Mingħajr ħsara għall-obbligi attwali dwar il-ġbir ta' data skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru data fil-qafas ta' pjan ta' ħidma mfassal skont il-programm pluriennali tal-Unjoni ("pjan ta' ħidma nazzjonali")

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi sal-31 ta' Ottubru tas-sena li tiġi qabel is-sena li minnha għandu japplika l-pjan ta' ħidma, dment li ma jkunx għadu japplika pjan eżistenti, f'liema każ huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li japprovaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 u 1a sal-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi qabel is-sena li minnha għandu japplika l-pjan ta' ħidma. Meta tkun qed tapprova l-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tqis l-evalwazzjoni mwettqa mill-STEFC f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. Jekk din l-evalwazzjoni tindika li pjan ta' ħidma nazzjonali ma jikkonformax ma' dan l-Artikolu jew li ma jiżgurax ir-rilevanza xjentifika tad-data jew il-kwalità suffiċjenti tal-metodi u l-proċeduri proposti, il-Kummissjoni għandha tgħarraf minnufih lill-Istat Membru kkonċernat u tindika emendi għal dak il-pjan ta' ħidma li l-Kummissjoni tqis meħtieġa. Sussegwentement, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta pjan ta' ħidma nazzjonali rivedut lill-Kummissjoni.

(2). Jiddaħħal il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw ir-regoli dwar il-proċeduri u l-format għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2)."

{l-Artikolu 54 "Iħassar", l-Artikolu 55 "Dispożizzjonijiet transitorji" u l-Artikolu 56 "Dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni" - ser jiġu indirizzati aktar tard, biex jiġu allinjati mal-approċċ meħud fir-Regolament (UE) Nru [fir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]}

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

{Anness I: "Indikaturi komuni" - ser jiġi eżaminat aktar fi stadju aktar tard}

ANNEX II

[...]

[...]

[...]

ORGANIZZAZZJONI TA' APPOĠĠ B'ĠESTJONI KONDIVIŻA

<u>Objettivi ta' Politika</u> <u>stabbiliti fl-Artikolu 4</u> <u>tar-Regolament (UE)</u> <u>Nru Iir-Regolament</u> <u>dwar Dispożizzjonijiet</u> <u>Komuni</u>	<u>Prijorità tal-FEMSA</u>	<u>FEMSA</u> <u>Objettivi Speċifiċi</u>	<u>Nomenklatura</u> <u>li għandha tintuża</u> <u>fil-pjan ta'</u> <u>finanzjament</u>
<u>Ewropa aktar</u> <u>ekoloġika, b'livell baxx</u> <u>ta' emissjonijiet ta'</u> <u>karbonju permezz tal-</u> <u>promozzjoni ta'</u> <u>tranżizzjoni lejn</u> <u>enerġija nadifa u</u> <u>ġusta, investiment</u> <u>ekoloġiku u blu, l-</u> <u>ekonomija ċirkolari, l-</u> <u>adattament għat-tibdil</u> <u>fil-klima u l-</u> <u>prevenzjoni u l-</u> <u>ġestjoni tar-riskji</u>	<u>1.</u> <u>Il-trawwim tas-sajd</u> <u>sostenibbli u l-</u> <u>konservazzjoni tar-</u> <u>riżorsi bijoloġiċi</u> <u>akkwatiċi</u>	<u>It-tisħiħ ta' attivitajiet</u> <u>tas-sajd li huma</u> <u>ekonomikament,</u> <u>soċjalment u</u> <u>ambjentalment</u> <u>sostenibbli</u>	<u>1.1</u>
		<u>Iż-żieda fl-effiċjenza</u> <u>enerġetika u t-tnaqqis</u> <u>tal-emissjonijiet tas-CO2</u>	<u>1.2</u>
		<u>Il-promozzjoni tal-</u> <u>aġġustament tal-kapaċità</u> <u>tas-sajd għall-</u> <u>opportunitajiet tas-sajd</u> <u>u l-kontribut għal</u> <u>standard ta' għajxien</u> <u>ġust f'każijiet ta' ċertu</u> <u>waqfien temporanju</u> <u>mill-attivitajiet tas-sajd</u>	<u>1.3</u>
		<u>It-trawwim ta' kontroll</u> <u>effiċjenti tas-sajd u data</u> <u>affidabbli għat-teħid ta'</u> <u>deċiżjonijiet ibbażat fuq</u> <u>l-għarfien</u>	<u>1.4</u>
		<u>Il-promozzjoni ta'</u> <u>kondizzjonijiet ekwi</u> <u>għall-prodotti tas-sajd u</u> <u>tal-akkwakultura</u> <u>prodotti fir-reġjuni</u> <u>ultraperiferiċi</u>	<u>1.5</u>

		<u>Il-kontribut għall-protezzjoni u l-irkupru tal-ekosistemi akkwatiċi</u>	<u>1.6</u>
	<u>2.</u> <u>It-trawwim ta' attivitajiet ta' akkwakultura sostenibbli u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura</u>	<u>Il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli u ekonomikament vijabbli, skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013</u> <u>L-iżvilupp ta' swieq kompetittivi, trasparenti u stabbli għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar ta' dawn il-prodotti, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1379/2013</u>	<u>2.1</u> <u>2.2</u>
	<u>4. It-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-ħidma biex l-ibħra u l-oċeani jkunu sikuri, mingħajr periklu, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli</u>	<u>It-tisħiħ tal-ġestjoni sostenibbli tal-baħar u tal-oċeani permezz tal-promozzjoni tal-għarfien dwar il-baħar, is-sorveljanza marittima u/jew il-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta</u>	<u>4.1</u>
<u>Ewropa egreb iċ-ċittadini billi jiṭrawmu l-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' żoni urbani, rurali u kostali, u l-inizjattivi lokali</u>	<u>3. L-abilitazzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim tal-iżvilupp ta' komunitajiet ta' sajd u ta' akkwakultura f'żoni kostali u interni</u>	<u>L-iżvilupp tal-komunitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura f'żoni kostali u interni</u>	<u>3.1</u>
	<u>L-assistenza teknika</u>		

ANNESS III

RATI TA' INTENSITÀ MASSIMA TAL-GĦAJNUNA SPEĊIFIĊI B'ĠESTJONI KONDIVIŻA

NUMRU TAR- RINGIELA	TIP TA' OPERAZZJONI	RATA TA' INTENSITÀ MASSIMA TAL-GĦAJNUNA
1	L-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd jew is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari	<u>40%</u>
2	Operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u li jtejbu s-selettività tad-daqs jew is-selettività tal-ispeċijiet tal-irkaptu tas-sajd	100%
3	Operazzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013: - operazzjonijiet li jtejbu l-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd, tas-swali tal-irkant, tal-postijiet tal-iżbark u ta' postijiet ta' kenn biex jiġu ffaċilitati l-ħatt l-art u l-ħżin ta' qabdiet mhux mixtieqa; - operazzjonijiet [...] f'konformità mal-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.	75%
4	Operazzjonijiet li jtejbu l-kondizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd	75%
5	Operazzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi	85%

6	Operazzjonijiet fil-gżejjer Griegi remoti u fil-gżejjer Kroati Dugi Otok, Vis, Mljet u Lastovo	85%
7	Artikolu 19 Il-kontroll u l-infurzar	85%
8	Operazzjonijiet b'rabta mas-sajd kostali fuq skala żgħira (inkluż għall-kontroll u l-infurzar)	100%
9	Meta l-benefiċjarju jkun korp pubbliku jew impriża li tkun ingħatat ir-responsabbiltà li tħaddem servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 106(2) tat-Trattat, fil-każ li jingħata appoġġ biex jitħaddmu dawn is-servizzi	100%
10	Il-kumpens relatat ma' spejjeż addizzjonali jew dħul mitluf skont l-Artikolu 30 inkluż 17, 18, 21 u 23	100%
11	Artikolu 20 Il-ġbir u l-ipproċessar tad-data għall-ġestjoni tas-sajd u tal-akkwakultura u għal finijiet xjentifiċi	100%
12	Artikolu 22 Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar, tal-kosta u tal-ilmijiet interni	100%
13	Artikolu 23 Operazzjonijiet li jappoġġaw l-akkwakultura sostenibbli implimentati mill-SMEs	60 %

14	Artikolu 26 Żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità Operazzjonijiet li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin: (i) ikunu ta' interess kollettiv; (ii) ikollhom benefiċjarju kollettiv; (iii) ikollhom karatteristiċi innovattivi, fejn xieraq, fil-livell lokali, <u>jew jiżguraw aċċess pubbliku għar-riżultati tal-operazzjonijiet.</u>	100%
15	Spejjeż operazzjonali tal-FLAGs	100%
16	Operazzjonijiet għajr dawk koperti fir-ringiela 14 li jaqdu l-kriterji kollha li ġejjin: (i) ikunu ta' interess kollettiv; (ii) ikollhom benefiċjarju kollettiv; (iii) ikollhom karatteristiċi innovattivi, <u>jew jiżguraw aċċess pubbliku għar-riżultati tal-operazzjonijiet.</u>	100%
17	Operazzjonijiet li <u>jirrelataw</u> [...] għal għarfien fil-qasam tal-baħar, sorveljanza marittima jew kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta	100%

18	Operazzjonijiet b'rabta mat-tfassil, l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni jew il-ġestjoni ta' sistemi trasparenti għall-iskambju tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013	100%
19	Operazzjonijiet li jappoġġaw prodotti, proċessi jew tagħmir innovattivi fis-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar	75%
20	Operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali	75%
21	Operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta' sajjieda jew benefiċjarji kollettivi oħra	60%
22	Strumenti Finanzjarji	100%

ANNEX IV

Il-koeffiċjenti għall-kalkolu tal-ammonti ta' appoġġ għal objettivi marbuta mal-ambjent u mat-tibdil fil-klima

[...] OBJETTIV SPEĊIFIKU JEW KONDIZZJONI SPEĊIFIKA	NOMENKLATURA LI GĦANDHA TINTUŻA FIL- PROGRAMM	Il-koeffiċjent għall- kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat- tibdil fil-klima	Il-koeffiċjent għall- kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi marbuta mal- ambjent
<i>Nefqa li tikkontribwixxi għall-prijorità 1: It-trawwim tas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi [...] akkwatiċi;</i>			
<i>Artikolu 14 (1) a)</i> <i>[...]</i> <u>It-tisħiħ tal-attivitajiet tas-sajd li huma ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli, minbarra l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd</u>	1.1	40%	100% *
<i>Artikolu 16</i> <i>[...] <u>L-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd</u>[...]</i>	1.1	0%*	0 % għan-nefqa marbuta mal-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd minn sajjied żagħżuġh [...]
<u>Artikolu 16 ġdid</u> <u>Is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari</u>	<u>1.2</u>	<u>40%</u>	<u>40%</u>

[...] [.../]	[...]	[...]	[...]
Artikolu 17[...] <i>Waqfien permanenti mill- attivitajiet tas-sajd</i>	1.[...] 3	100 % jekk l-appoġġ jinkiseb permezz tal- iskrappjar tal- bastiment tas-sajd 0 % * jekk l-appoġġ jinkiseb permezz tal- modifika retroattiva tal-bastiment tas-sajd għal attivitajiet li mhumix sajd kummerċjali	0%*
Artikolu 18 <i>[...] temporanju mill- attivitajiet tas-sajd</i>	1.[...] 3	40%	40%
Artikolu 19 <i>Il-kontroll u l-infurzar</i>	1.[...] 4	0%	40%
Artikolu 20 <i>Il-ġbir u l-ipproċessar ta' data għall-finijiet tal-ġestjoni tas- sajd u tal-akkwakultura u għal finijiet xjentifiċi</i>	1.[...] 4	0%	40%
Artikolu 21 <i>Kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura</i>	1.[...] 5	0%	0%
Artikolu 22 <i>Il-protezzjoni u l-irkupru tal- bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar, [...] tal-kosta u tal-</i>	1.[...] 6	40%	100%

<u>ilmijiet interni</u>			
<i>Nefqa li tikkontribwixxi għall-prijorità 2: <u>It-trawwim [...] ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura[...]</u></i>			
Artikolu 23 <i>Akkwakultura</i>	2.1	0%*	40%
[...] [...]	[...]	[...]	[...]
Artikolu [...] 22 ġdid [...] <u>L-iżvilupp ta' swieq kompetittivi, trasparenti u stabbli għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar ta' dawn il-prodotti, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1379/2013</u>	2 <u>ġdid</u> .1	0%*	0%
<i>Nefqa li tikkontribwixxi għall-prijorità 3: L-abilitazzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim [...] <u>tal-iżvilupp ta' kommunitajiet ta' sajd u ta' akkwakultura</u> [...] <u>f'żoni kostali u interni</u>;</i>			
Artikolu 26 <i>Żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità</i>	3.1	0%*	40%
[...] [...]	[...]	[...]	[...]
<i>Nefqa li tikkontribwixxi għall-prijorità 4: It-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-ħidma biex l-ibħra u l-oċeani jkunu sikuri, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli</i>			

<u>Artikolu 27</u> <u>Għarfien dwar il-baħar</u>	<u>4.1</u>	<u>40%</u>	<u>100%</u>
Artikolu 28 <i>Is-sorveljanza marittima</i>	4.1	0%	0%
Artikolu 29 <i>Il-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta</i>	4.1	0%	0%
<i>Nefqa li tikkontribwixxi għall-assistenza teknika</i>			
<i>L-assistenza teknika</i>	5.1	0%*	0%*

* Fil-programm tiegħu Stat Membru jista' jipproponi li jiġi assenjat koeffiċjent ta' 40% għal **objettiv speċifiku jew kondizzjoni speċifika** [...] immarkati bi stilla * fit-tabella, dment li jkun jista' juri r-rilevanza ta' dak **l-objettiv speċifiku jew dik il-kondizzjoni speċifika** [...] għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew l-adattament għalih, jew għal objettivi marbuta mal-ambjent, skont il-każ.

[ANNESS V — dispożizzjoni bejn parentesi]
